Minuti tal-Laqgħa Nru. 2 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2015 fil-7.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sur. Eric C Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Għoti tad-Dekasteri lill-Kunsilliera
2. Korrispondenza
3. Affarijiet oħra

## 1.0 GĦOTI TAD-DEKASTERI LILL-KUNSILLIERA

1.1 Is-Sindku qal li l-ewwel laqgħa li kienet saret kienet qed issir skont il-liġi billi hemm żmien sa meta din trid issir biex fiha jingħata l-ġurament is-Sindku u Viċi Sindku. Huwa qal li llum bħala t-tieni laqgħa huwa se jkun qed iqassam id-dekasteri lill-kunsilliera.

1.2 Is-Sindku qara diskors li huwa kien ipprepara għall okkażżjoni. Huwa spjega l-importanza tal-laqgħat u anki l-fatt li llum dawn anki ġew live streamed. Is-Sindku qara d-dekasteri li huwa kien se jagħti lill-Kunsilliera (annessi fil-minuti). Huwa spjega li minn qabel ma waslet din il-ġurnata huwa kien iltaqa mal-Kunsilliera u kellimhom jekk huma jaqblux ma dawn id-dekasteri.

1.3 Wara li s-Sindku qara d-dekasteri lill-Kunsilliera huwa appellalhom biex fi żmien sitt xhur kollha kemm huma jħejju rapport fuq il-ħidma u d-dekasteri tagħhom. Huwa emfassiżża li mhux se jkun qed jittollera li jkun hemm Kunsilliera li ma jaħdmux fuq dawk id-dekasteri li kienu mogħtija lilhom inkella jkun kostrett li jneħħilhom dawk id-dekasteri.

1.4 Il-Kunsillier Caruana qal li huwa peress li se jkun fuq is-soft areas jixtieq jagħmel laqgħa mal-ELC biex ikun ikkordinat ix-xogħol aħjar.

## 2.0 KORRISPONDENZA

2.1 Il-Kunsillier Caruana semma li qed ikun hemm ħafna karozzi li jidħlu miċ-Ċentru u li qed joħolqu problema kif tidħol ġewwa Ħal Luqa. Is-Sindku irrisponda li wieħed irid joqgħod attent kif jitkellem mar-residenti fuq dan l-item u li jagħti l-informazzjoni koretta. Huwa qal li fl-aħħar laqgħa li kellu l-Kunsill preċedenti dan kien qabel li jkun hemm traffic management f' din iż-żona.

2.2 Is-Sindku qal kif fuq il-każ tat-traffic management li huwa kien qed jitkellem fuqu kien hemm persuna li marret id-dar tiegħu fejn huwa induna li dan ir-residenti kien ingħata informazzjoni ħażina. Huwa kompla jgħid kif dan ir-residenti anki wasal li jibgħat ittra bl-avukat lill-Kunsill.

2.3 Il-Viċi Sindku uriet ritratti ta bankina li hemm fejn hemm Eric l-electrician fejn uriet kif hemm karozzi li jipparkjaw fuq il-bankina b' tali mod li ma jħallux lill minn ikun jista jimxi fuqha għax dawn jitilgħu fuqha. Il-Viċi Sindku ipproponiet li din il-bankina kellha togħla. Is-Sindku spjegalha li fil-post kienu saru linji u anki tabelli biex jindikaw kif għandu jsir il-parkeġġ. Huwa qal li l-Kunsill huwa policy maker u huma l-Pulizija li jridu jinfurzaw.

2.4 Il-Viċi Sindku ipproponiet ukoll li kellhom isiru dog litter bins, fejn il-membri tal-Kunsill qablu ma din il-proposta.

2.5 Is-Sindku semma li huwa se jkollu laqgħa m' uffiċċjali tat-Transport Malta biex jitkellmu fuq id-diveris problemi li hawn relatatti mat-Trasport u biex tinstab soluzzjoni fuqha. Huwa qal ukoll li fuq il-każ tat-traffic management li jrid ikun implimentat f' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra se jkunu ikkonsultati r-residenti.

2.6 Il-Kunsillier Camilleri semma li hemm bżonn li jsir pjan ta kull triq ġewwa Ħal Luqa fejn naraw x' hemm bżonn issir.

2.7 Il-Kunsillier Caruana qal li jista jkun hemm xi ħadd minn kull triq fejn huwa jieħu ħsieb fuq il-bżonnijiet relatatti mat-triq tiegħu u jieħu ħsieb mal-Kunsill li dawn isiru.

2.8 Is-Sindku appella li issa kull Kunsillier għandu d-dekasteri tiegħu u għandu jieħu ħsieb li jaħdem fuqhom.

2.9 Il-Kunsillier Bruno qal li bħalissa hemm xi fondi li nistgħu napplikkaw għalihom bħala ESF minn naħa tal-Unjoni Ewropeja. Is-Sindku qal li kull opportunita li jkun hemm fejn nistgħu nirċievu fondi għandna neħduha peress li l-fondi li jingħata l-Kunsill huma limitati.

2.10 Is-Sindku semma li bħalissa wkoll qed isir eżerċizzju fejn qed tkun riveduta l-formola li minnha tkun ikalkulata l-allokazzjoni peress li din mhux ġusta ma ċertu Kunsilli Lokali.

2.11 Is-Sindku qal li fuq Triq Ħal Saflieni kien hemm problema li ħarġet matul meta kien qed isir ix-xogħol peress li kien hemm il-main tad-drenaġġ li kellu bżonn jinbidel. Huwa qal li minħabba f' hekk kellu jieqaf ix-xogħol u tinħareġ LA. Is-Sindku qal li din l-LA kellha toħroġ minn naħa tal-Ministeru meta dawn normalment jieħdu żmien twil biex jkunu approvatti. Huwa qal li qed jagħmel ħafna pressjoni u jċempel kuljun biex din tinħareġ malajr.

2.12 Il-Kunsillier Caruana qal li fi Triq l-Iskola trid issir lampa billi hemm nuqqas ta dawl u kien hemm l-abbużi, kif ukoll issir tabella tad-dog littering.

2.13 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-bankijiet li kienu inqalgħu mill-Pjazza x' kien sar minhom, billi jista jkun hemm bżonn li jitwaħħlu minhom madwar Ħal Luqa. Is-Sindku qal li dawn ittieħdu ġewwa l-uffiċċju l-antik u inżebgħu mill-ġdid.

2.14 Il-Kunsilliera Massa qalet li kienet kellmitha tad-Dimples Pet shop sabiex terġa issir il-Pet's Day ġewwa Ħal Luqa billi din kienet suċċess. Is-Sindku qal li l-aħjar żmien lejn il-festa ta San Franġisk. Il-Viċi Sindku qalet li minn naħa tal-animali jistgħu jinġiebu anki tad-Dogs Trust.

2.15 Is-Sindku avża lill-Kunsilliera li huwa kien irċieva invit sabiex huwa personalment jifforma parti minn delegazzjoni li se titla Brussell fuq laqgħa informattiva. Huwa qal li din id-delegazzjoni kienet ippjanata sabiex ikun hemm l-istess ammont ta membri miż-żewġ partiti. Huwa għadda din l-istedina għall approvazzjoni tal-Kunsill fejn il-membri tal-Kunsill qablu li kellu jattendi s-Sindku kif kien mistieden oriġinarjament.

2.16 Is-Sindku ppreżenta ittra li waslet mill-MEUSAC fejn infurmawna fuq is-servizzi li joffru.

2.17 Is-Sindku ippreżenta ittra oħra li waslet mir-Reġjun fuq is-sessjoni plenarja u stieden lill-Kunsilliera sabiex jattendu. Is-Sindku semma wkoll li kien hemm email oħra minn

naħa tar-Reġjun sabiex il-Kunsilliera ġodda jattendu għall kors ta taħriġ li se jkun organiżżat mir-Reġjun.

2.18 Is-Sindku qara email li waslet fuq is-suġġett tal-istray cats fejn huma talbu laqgħa mal-Kunsillier responsabbli biex tinstab soluzzjoni għall din il-problema.

2.19 Il-Kunsilliera Massa qalet biex fejn issir il-Monti jitwaħħlu tabelli peress li fiż-żona hemm xi residenti li mhux qed josservaw il-ħinijiet.

2.20 Il-Kunsilliera Massa saqsiet kif konna bqajna fuq il-kwistjoni tal-kennies. Is-Sindku qal li dan kien fetaħ appell lill-Kunsill fejn waqqaf il-proċess li jkun awarded it-tender. Is-Sindku qal li bħalissa t-toroq qed isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill sakemm ikun hemm deċiżjoni wara l-appell. Is-Sindku appella lill-Kunsillier Caruana sabiex jagħmel assessment fuq il-knies li qed jagħmlu l-ħaddiema u jirraporta jekk ikun hemm xi nuqqasijiet.

2.21 Il-Kunsillier Caruana semma biex il-ħaddiema tal-Kunsill imorru jnaddfu wara li jispiċċa l-Monti. Is-Sindku qal li d-Direttoratt tat-tindif illum għandu grupp apposta li xogħolhom li jmorru jnaddfu wara li jispiċċa l-Monti. Il-Kunsillier Caruana talab lis-Segretarju biex jgħaddilu d-dettalji ta minn huwa inkarigat mix-xogħol. Is-Segretarju qallu li se jkun qed jgħaddilu dawn id-dettalji dalwaqt.

2.22 Il-Kunsillier Caruana qal li fejn il-Bandli jridu jsiru aktar bins. Il-Viċi Sindku qalet ukoll li hemm bżonn li jkun hemm surveillance cameras. Is-Sindku qal li r-Reġjun diġa għamel arranġamenti biex ikun hemm kuntrattur li joħloq dawn is-sistemi bi prezz raġjonevoli.

2.23 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk fi Triq il-Mitjar jistgħux isiru parking bays. Is-Sindku qal li huwa baqa jagħmel pressjoni kif kien qed jagħmel fil-passat biex din it-Triq issir mill-Gvern Ċentrali imbagħad wara li ssir mill-ġdid ikun hemm iż-żebgħa.

2.24 Il-Kunsilliera Massa saqsiet jekk tistax issir residential parking scheme fi Triq Ħal Qormi. Is-Sindku qal li l-aħjar issir time zone.

## 3.0 AFFARIJIET OĦRA

3.1 Il-Kunsillier Camilleri qal li fuq l-ewwel data li kienet proposta għall attivita fl-okkażżjoni ta' Jum Ħal Luqa kien hemm okkażżjoni oħra. Huwa qal li għalhekk kellha titressaq għat 13 ta' Ġunju għax kienet konvenjenti għal kulħadd.

3.2 Il-Kunsillier Camilleri qal li ta' Skene nistgħu nikkordinaw magħhom biex ikunu jistgħu itellgħu xi ħaġa ukoll waqt l-attivita. Huwa qal ukoll li se jkun hemm tal-karozzi antiki u anki tat-Tieni Gwerra li se jkunu bl-equipment. Huwa qal ukoll li se jinfetaħ ix-xelter u anki jkun hemm re enactment u bagpipes waqt l-okkażżjoni.

3.3 Il-Kunsilliera preżenti qablu mad-dati magħżula kif ukoll il-program kif kien imqassam.

3.4 Is-Sindku qal li fil-15 ta' Mejju se jkun hemm ħarġa li hija organiżżata mill-GAL u se jkun hemm coach għal dawk interessati. Din il-ħarġa se tkun għall Dar il-Mediterran fejn se jkun hemm food tasting u tisjir fuq il-post. Huwa appella lill-Kunsilliera biex javżaw lin-nies interessati sabiex jattendu.

3.5 Is-Sindku qal li Ġieħ Ħal Luqa se jkun qed jingħata wkoll fit-13 ta’ Ġunju. Il-Kunsillier Camilleri qal li jkun hemm ukoll bżonn ta’ siġġijiet għall okkażżjoni.

3.6 Il-Viċi Sindku semmiet li ġewwa l-Kunsill Lokali jistgħu jkunu organiżżati courses tal-make up. Hija qalet li hemm tutor li tista tagħti course għall sitt persuni kull darba.

3.7 Il-Kunsillier Camilleri semma li kif issa tgħaddi l-attivita ta’ Jum Ħal Luqa il-Kunsill Lokali b’ kollaborazzjoni mal-għaqdiet joħloq kalendarju tal-attivitajiet li jittellgħu hawn sabiex dawn ma jaħbtux ma xulxin.

3.8 Is-Segretarju ressaq l-iskeda tal-pagamenti u spjega l-iskop tagħha lill-Kunsilliera. Huma saqsew fuq xi pagamenti u s-Segretarju spjegahomlhom. Il-Kunsilliera preżenti qablu mal-iskeda tal-pagamenti u din għaddiet.

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ġimgħa 8 ta’ Mejju 2015 fis-8.30 pm. Kien hemm id-data tal-10 ta’ Ġunju 2015 proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________ 2015.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Portelli<br>Segretarju Eżekuttiv |